# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 310/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Ellul Classic Design Woodworks Limited (C 64804)**

**Vs**

**Roni Demanuele (K.I. 445778(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2019[1], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra talbu lill-konvenut jiġi dikjarat li huwa debitur tas-soċjetá attriċi fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) rappreżentanti xogħolijiet ta' sebá bibien interni u li jiġi kkundannat iħallas l-istess ammont lis-soċjetá attriċi. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż tat-Talba;

Ra r-risposta tal-konvenut, kontenenti kontro-talba, fejn laqgħa għat-talba tas-soċjetá billi eċepixxa li l-ammont m'huwiex dovut stante li s-soċjeta attriċi kienet tardiva u li l-intimat m'għandux aktar bżonn l-oġġetti. Bil-kontro-talba imbagħad talab ir-rifużjoni tad-depożitu imħallas fl-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900).

Ra r-risposta tas-soċjetá attriċi rikonvenzjonata fejn laqgħet għal-kontro-talba billi permezz ta' eċċezzjoni ġenerika qalet lit-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi rikonvenzjonata permezz ta' liema eżebiet l-affidavits ta' Sammy Ellul u ta' Rita Ellul[2];

Ra n-nota tal-konvenut rikonvenzjonanti permezz ta' liema ġie eżebit l-affidavit tiegħu[3].

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Sema' x-xhieda mogħtija minn Sharon Demanuele fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 u fil-21 ta' Jannar 2021[5].

---

[2] Nota tinsab a fol 20 tal-proċess

[3] Nota tinsab a fol 33 tal-proċess.

[4] A fol 39.

[5] A fol 42 *et seq* u fol 54 *et seq* rispettivament

Sema x-xhieda mogħtija in kontro-eżami tal-konvenut, Rita Ellul u Sammy Ellul mogħtija fil-21 ta' Jannar 2021[6];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetá attriċi rikonvenzjonata tat-22 ta' Frar 2021[7];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut rikonvenzjonanti tat-22 ta' Marzu 2021[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal jinvesti fl-aspetti legali ta' dan il-proċediment, jitqies opportun li jsir riassunt tax-xhieda u provi prodotti f'dan il-proċediment. Ix-xhieda in *breve* kienet is-segwenti.

Illi Sammy Ellul xehed permezz t'affidavit[9]. Spjega li huwa direttur tas-soċjetá attriċi u li l-linja tax-xogħol tagħhom hija xogħol ta' bibien tal-injam tal-għamla *solid* u xogħol ta' injam li jinvolvi wkoll il-ħġieġ. Spjega li huwa impjegat mal-istess soċjetá attriċi u li jmur jieħu l-qisien u kejl tal-post tal-klijenti. Spjega li meta jiġi klijent, tinħareġ stima u meta l-ordni tiġi konfermata tingħata *possible delivery date*. Jgħid li din id-data hija soġġetta għal-ħafna kundizzjonijiet u skond meta jittieħdu l-qisien. Il-prassi hija lill-klijent għandu jinforma meta jkunu jistgħu jittieħdu l-qisien. Wara din it-telefonata il-qisien jittieħdu ġeneralment fi żmien ġimgħa. Ġeneralment imbagħad l-ordni tkun lesta bejn sitta u tmien

---

[6] A fol 45 *et seq, tergo* ta' fol 58 *et seq* u fol 61 *et seq* rispettivament.
[7] A fol 65 *et seq.*
[8] A fol 73 *et seq.*
[9] Dok ECD 1, a fol 21 tal-proċess.

ġimgħat wara. Jgħid li kollox jiddependi minn meta jittieħdu l-qisien. Jgħid li f'dan il-każ partikolari huwa mar jieħu l-qisien fl-14 ta' Mejju tas-sena 2019. L-ordni kienet lesta għal kunsinna f'Awwissu tal-istess sena. Huwa ġie infurmat minn martu li l-konvenut ma riedx aktar il-bibien għaliex kien laħaq biegħ il-propjetá tiegħu. Jgħid li m'hijiex faċli għalihom li jerġgħu ibiegħu dan il-prodott minħabba l-qisien u d-direzzjoni tal-ftuħ tal-istess.

Illi Sammy Ellul xehed ukoll in kontro-eżami[10]. Jikkonferma li huwa mar fl-14 ta' Mejju. Ma jiftakarx meta tlestew għaliex dak xogħol martu. Jikkonferma li x-xogħol kien lest. Jgħid li huwa l-klijent li għandu jċempel. Jgħid li vera li f'dan il-każ il-bibien verament damu aktar milli kif imwiegħed.

Illi Rita Ellul xehdet permezz t'affidavit[11]. Tgħid li hija azzjonista fi ħdan is-soċjetá attriċi flimkien ma żewġha Sammy Ellul. Tgħid li ilhom joperaw għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Tispjega li hija wkoll impjegata u tieħu ħsieb l-immaniġġjar ġuranljier, inkluż laqgħat mal-klijenti u li tieħu ħsieb l-ordnijiet. Tgħid li hija ltaqgħat mal-konvenut f'Diċembru tas-sena 2018 meta ġie sabiex jagħmel ordni għal sebgħa bibien. Tgħid li l-prezz kien ta' €4480, li minnhom huwa ħallas depożitu ta' €900. Tgħid li hija indikatlu li x-xogħol kien sejjer ikun lest bejn April u Mejju tas-sena 2019 jekk il-qisien jittieħdu f'Marzu. Tgħid li hija spjegatlu li kien hu li kellu jċempel sabiex tiġi ffisata data u ħin sabiex jittieħdu il-qisien. Ġara li l-konvenut ċempel, skond hi, f'Mejju tas-sena 2019 u fil-fatt il-kejl ittieħed fl-14 ta' Mejju 2019. Tgħid li kien il-konvenut li ttardja biex iċempel. Ix-xogħol kien lest f'Awwissu 2019 iżda meta sar kuntatt miegħu dan għarafha li ma riedx aktar il-bibien għaliex kien biegħ il-propjetá. Qalilha

[10] Seduta tal-21 ta' Jannar 2021, xhieda tibda a fol 61 tal-proċess.
[11] Dok ECD 2, a fol 23 *et seq.*

sabiex iżżomm id-depożitu u l-flus. Tgħid lill-bibien saru skond il-qisien tiegħu u li għandhom dritt għal-bilanċ mitlub.

Illi Rita Ellul xehdet ukoll in kontro-eżami[12]. Tikkonferma lill-qisien ittieħdu fil-14 ta' Mejju 2019. Tgħid li huma kienu infurmaw lill-konvenut lill-bibien jitlestew fi żmien tmin ġimgħat mid-data tal-qisien. Tgħid li fis-27 ta' Awwissu 2019hija ċemplet lill-konvenut. Tikkonferma li kien hemm aktar minn tmien ġimgħat sa meta tlestew il-bibien.

Illi l-konvenut xehed permezz t'affidavit[13]. Jgħid li fit-12 ta' Diċembru 2018 huwa kien mar fis-*showroom* tas-soċjetá attriċi fejn iltaqa' ma Rita Ellul. Wara li ra xi xogħol għamel ordni ta' seba' bibien fl-ammont ta' €4,480. Ġie spjegat lilhom li jrid jitħallas depożitu ta' 10% u li l-kunsinna ma ssirx mal-ewwel. Huma kienu obbligati li jċemplu bejn April u Mejju sabiex ħaddiem tas-soċjetá attriċi jiġi jieħu l-qisien. Wara dan, fi żmien ġimgħatejn jew tlieta, il-bibien ikunu mwaħħla fil-post. Kien hemm qbil. Kienu sorpriżi meta ntalbu jħallsu €900 għaliex skond huma dan kien 20% u mhux 10% kif miftiehem verbalment, iżda xorta ħallsu dan l-ammont. Jgħid li għal-ħabta t'April 2019 ċemplu sabiex jiġu jieħu l-qisien u ġie skedat appuntament għal-14 ta' Mejju 2019. Hekk sar. Hawnhekk, il-ħaddiem qal li l-bibien kienu sejrin jitlestew fi żmien ġimgħatejn jew tlieta. Kellhom jistennew telefonata sabiex tinftiehem data għat-twaħħil. Spjega li f'Awwissu ġie avviċinat minn żviluppatur li wera interess li jixtri l-fond tiegħu, u għalkemm kienet għażla diffiċli, iddeċieda li jidħol f'konvenju. Dan sar fit-23 ta' Awwissu. Jgħid li f'dan il-perjodu ttanta jagħmel kuntatt kemm il-darba mas-soċjetá attriċi iżda baqa' mingħajr risposta. Fis-27 ta' Awwissu 2019 imbagħad Rita Ellul ċemplet biex tavża lill-bibien kienu lesti u spjega li ma

[12] Seduta tal-21 ta' Jannar 2021, xhieda tibda *a tergo* ta' fol 58.
[13] Dok RD, a fol 34 *et seq.*

ridhomx aktar. Minn hemmhekk ir-relazzjoni iddeterjorat. Jgħid lill-kuntratt ġie miksur mhux b'diversi jiem iżda b'diversi xhur.

Illi l-konvenut xehed ukoll in kontro-eżami[14]. Jgħid li ma jafx għala fuq il-fattura hemm imħassra il-kliem *not paid*. Hu fehem li wara tlett ġimgħat mid-data tal-qisien, il-bibien kienu sejrin jiġu nstallati. Jgħid li kienet is-soċjetá attriċi li qaltlu biex iċempel f'Mejju. Ma jaqbilx li kien hemm terminu tas-sitta jew tmien ġimgħat. Jgħid li wara Mejju huwa kellu jirċievi u mhux jagħmel telefonati. Jgħid li hu ried il-bibien installati anke sabiex l-iżviluppatur li tfaċċa wara possibbilment joffri aktar. Jikkonferma li saru telefonati għal-ħabta t'Awwissu, iżda s-soċjetá attriċi ma rrisponditx. Ma jiftakarx fuq liema numru.

Illi Sharon Demuanele xehdet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020[15]. Tgħid li hija l-mara tal-konvenut. Tgħid li marru għand is-soċjetá attriċi f'Diċembru tas-sena 2018. Tgħid li ġew infurmati li l-bibien jkunu lesti u mwaħħla f'April jew Mejju tas-sena 2019. F'April hija ċemplet sabiex isir appuntament, li sar fl-14 ta' Mejju 2019. Tgħid lil-ħaddiem qalilha li sa erba' ġimgħat oħra il-bibien ikunu mwaħħlin. Għadda ħafna żmien u hija bdiet iċċempel biex tara x'ġara. Tgħid li anke marret xi darbtejn issa sabet kollox magħluq. Hija infurmata li ma riditx aktar il-bibien.

Illi l-istess Sharon Demanuele xehdet ukoll in kontro-eżami[16]. Tikkonferma li l-ftehim kien lill-bibien jitlesta bejn tlieta u erbgħa ġimgħat. Tgħid lid-depożitu ma sarx dakinhar tal-ewwel inkontru iżda ftit wara. Terġa tikkonferma li hija ċemplet f'April jew Mejju għaliex hekk kienu qalulha biex tagħmel. Tgħid li suppost

[14] Seduta tal-21 ta' Jannar 2021, xhieda tibda a fol 45 tal-proċess.
[15] Xhieda tibda a fol 42 tal-proċess.
[16] Seduta tal-21 ta' Jannar 2021, xhieda tibda a fol 54 tal-proċess.

f'Ġunju kellhom jaslu. Ma tiftakarx liema min-numri indikati fil-fatturi bdiet iċċempel sabiex tara fejn waslet l-ordni. M'għarrfitx minn ġie jieħu l-qisien.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss issa li dan it-Tribunal jinvesti u jassimilja l-istess fatti ma dak mitlub fil-preżenti litiġju.

**X'kien il-kuntratt bejn il-partijiet.**

Illi minn qari tan-noti tas-sottomissjonijiet mirquma tal-kontendenti jirriżulta li l-ebda parti ma ddedikat id-dovut ħin sabiex jiġi stabbilit x'tip ta' kuntratt kien eżistenti bejn il-partijiet. Fil-fatt jidher li ma hemmx qbil dwar dan għaliex il-ġurisprudenza ċitata tikkonċerna kemm sitwazzjonijiet rilevanti għall-bejgħ u appalt. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li għandha tiġi determinata hija propju r-relazzjoni ġuridika, ċioé l-bażi tal-ftehim għaliex naturalment tali klassifikazzjoni twassal imbagħad għar-rimedji disponibbli, skond il-każ.

Illi mingħajr mistħija, t-Tribunal jgħid li ħaseb fit-tul fuq dan il-punt, u qiesu bħala kruċjali għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li d-differenza bejn bejgħ u appalt m'hijiex dejjem daqshekk ċara, anzi tista tkun waħda diffiċli għal min huwa tenut jiġġudika[17]. Tant li addirittura

[17] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá kummerċjali "Continental Design Company Limited" vs Joseph Camilleri et**, (Ċit Nru: 1486/1994/1, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-29 ta' Jannar 2004 fejn ġie ritenut hekk: *"Indubbjament l-istabilizzar ta' din il-figura ġuridika hi ta' vitali importanza in kwantu ż-żewġ istituti, distintament kollokati fil-Kodiċi Ċivili, jipprovdu rimedji ben diversi"*. Din is-sentenza tkompli tamplifika, b'riċerka rikka, id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ istituti. Fil-fatt, tkompli tikkonferma li: *"Premess dan li fuq ġie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-riċerka tal-kriterju distintiv bejn vendita u locatio operis mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza;"*.

huwa rikonoxxut li jistgħu jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-kuntratt jissejjaħ bħala wieħed *misto*[18].

Illi mill-provi, ma jidhirx li dawn il-bibien kienu tant personalizzati li jitqiesu lillhin jew distinti mix-xogħol normali tas-soċjetá attriċi. Anzi, jirriżulta li bibien simili huma parti mill-operat ta' kuljum tal-istess soċjetá[19]. Għalhekk allura, l-obbligu prinċipali jixbaħ aktar obbligazzjoni prinċipali *di dare* milli *di fare*, bil-konsegwenza lir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ixaqleb aktar lejn l-istitut tal-bejgħ[20].

---

[18] *Ibid* nru.17, ġie wkoll mgħallem hekk: "*F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Tljana, illi "si trattera' di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il-prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell' ordinaria produzione del' assuntore" (Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 ta' l-1983). Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purche jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk il-modifiki "siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effetive e voluto risultato della prestazione, si trattera' invece di appalto" (Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000). Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala "contratto misto" (Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 ta' l-1972);*".

[19] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Aplan Limited vs Emmanuel Bajada,</u>** (App Ċiv Nru: 330/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Novembru 2009 fejn ġie mfisser hekk: *"Fil-partikolari, imbaghad, gie pprecizat, dejjem minn din listess Qorti, illi "huwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenza ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza f'ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni 'di facere' fuq dik 'di dare'. Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attivita` adoperata biex issir il-haga, mentri fil-komprovendita hu l-oggett innifsu. Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt specifiku; ad exemplum, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni kaz, l-oggett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabbilit u indipendentement mill-konkluzjoni ta' xi ftehim partikolari; ad exemplum, vettura li tigi manufatturata mhux skond ordni singolari izda in konformita` ma' pjan generali ta' produzzjoni".*

[20] Fl-opra tiegħu **<u>Trattato di Diritto Civile,</u>** l-awtur Francesco Galgano, għal dak li jikkonċerna d-dritt aktar modern jgħid hekk in tematika: "*Anche quie egli é tenuto ad un facere, ossia a produrre il bene venduto, sulla base dell'obbligazione di cui all'art. 1476, m.2. Altro discorso vale qaundo si tratta di produzione non in serie, bensi personalizzata, oppure di produzione in serie di beni ai quali, su richiesta dell'altro contraente, debbano esser apportate varianti non marġinali (come, ad esempio, l'automobile di serie con guida a desta), ma tali da caratterizzare il prodotto (come l'autocarro di serie da trasformare per adibirlo a trasporti speciali). Qui il produttore si obbliga sid ad un dare sia ad un facere; ed il contratto non sará piú una vendita di cosa futura, ma sará un appalto o sará un contratto atipico con causa mista*". – CEDAM, 2010, II edizzjoni, Vol 11, fol 610.

Illi l-Qrati tagħna, f'sitwazzjonijiet simili, fejn il-kawżi kienu jikkonċernaw il-manifattura ta' bibien u segwenti installazzjoni, sabu li ġeneralment dak ix-xogħol u l-kuntratt relattiv huwa wieħed ta' bejgħ[21].

Illi dan it-Tribunal huwa komfortat ukoll bil-fatt lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ukoll irriteniet li l-operat tas-soċjetá attriċi huwa aktar simili ma dak ta' bejgħ tant li irriferiet ukoll għall-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[22].

Illi għalhekk, dan it-Tribunal qiegħed iqis lill-volontá tal-partijiet, u effetivament, il-kuntratt ta' bejniethom huwa wieħed ta' *compra-vendita.*

**<u>Mertu</u>**

Illi ġudikat dan, imiss issa li dan it-Tribunal jinvestiga l-azzjonijiet esperiti mill-kontendenti. Iqis però li jkun aktar utli li l-ewwel tiġi indirizzata l-kontro-talba

---

[21] F'dan is-sens it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Debono et vs Uskin Ltd</u>**, (App Ċiv Nru: 2/2006), mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2008 fejn ingħad hekk: *"Fil-ħsieb tal-Qorti, fuq l-apprezzament tagħha tal-fatti kif hawn fuq ikkunsidrati, ix-xogħol ta' montatura li għamlet il-kumpanija konvenuta ta' komponenti pre-fabbrikati tal-bieb kien wieħed servjenti unikament bħala mezz għal konsenja ta' l-istess bieb u tali hu inerenti għal kuntratt ta' bejgħ u mhux ta' locatio operis. Dan għaliex b'dik tax-xogħol ta' montatura ma jirriżultax li ġew żnaturati l-karatteristiċi essenzjali tal-bieb, mertu tal-kontrattazzjoni, iżda għandu jitqies bħala xi ħaġa marġinali u sekondarja diretta biex il-bieb jiġi adattat għall-esiġenzi speċifiċi ta' l-atturi."* Wieħed huwa mistieden ukoll biex jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Denis Farrugia et vs Josepm Dimech pro et noe,</u>** (App Ċiv Nru: 111/2002/1, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 2004.

[22] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Nazzareno Fenech vs Sammy Ellul eżerċitanti l-kummerċ bħala Ellul Classic Design Woodworks Limited,</u>** (App Ċiv Nru: 12/19), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija nhar it-2 ta' Settembru 2020. Dik is-sentenza kienet tikkonċerna fatti simili għal dawk hawn eżaminati. Huwa minnu li dik il-Qorti ma tatx applikazzjoni għall-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fil-fehma tat-Tribunal, dik il-Qorti għamlet hekk biss fuq il-provi li kellha f'dawk l-atti. Wara kollox, il-paragan bejn sentenzi huma odjużi. Dan il-proċess huwa separat u totalment distint minn dawk il-proċeduri u naturalment, il-provi miġjuba f'dawn il-proċeduri huma wkoll differenti.

tal-konvenuti. Dan qiegħed jingħad għaliex, għalkemm m'huwiex ċar, u ċertament l-konvenuti setgħu jirrediġu l-kontro-talba b'mod aktar safi, għandu jkun indubitat li peress li qegħdin jitolbu r-rifużjoni tad-depożitu imħallas minnhom, qegħdin allura impliċitament jitolbu wkoll ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ. Dan jitolbuħ minħabba tardivitá tal-kunsinna[23]. Għalhekk jekk tintlaqá t-talba magħmula fil-kontro-talba, t-talba prinċipali tispiċċa għaliex b'dan il-ġudizzju dak il-bejgħ ikun xolt u allura ma jkunx hemm aktar lok t'investigazzjoni. It-Tribunal jgħid li sewwa għamel il-konvenut rikonvenzjonanti li wessa dan il-litiġju permezz ta' talba rikonvenzjonali, għaliex huwa aċċettat li talba simili ma setgħetx sempliċiment tingħata *per via d'eccezione*[24].

Illi għandu jkun indubitat li wieħed mill-obbligi prinċipali tal-bejjiegħ huwa fil-fatt li ssir il-kunsinna. Jekk imbagħad ikun ġie miftiehem żmien speċifiku sabiex dan isir, allura il-bejjiegħ ikun obbligat isegwi dak hekk miftiehem. F'każ imbagħad li din il-kunsinna ma titwettaqx kif miftiehem, allura x-xerrej għandu żewġ għażliet. Jista' jagħżel li jew lill-bejgħ jiġi xolt, jew jitlob l-eżekuzzjoni sfruzata tal-ftehim.

---

[23] L-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss.*

[24] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mirage Holdings Limited vs Martin Spiteri**, (Avv Nru: 1440/1997/1) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Diċembru 2003 (mhux appellata) fejn ingħad hekk:

*"Illi dwar il-premess ghandu jinghad li l-konvenut kellu rimedju skond il-ligi disponibbli ghalih, liema rimedju pero' ma esercitahomx. Dawn, principalment, jikkonsistu f'dak li jistipula l-Kodici Civili fl-artikolu 1068 , 1385, 1390 u 1424 sa 1432 minghajr esklusjoni ta' ohrajn applikabbli. Dawn ir-rimedji, pero', ma jistghux jinghataw 'per eccezione' iżda ghandhom jintalbu permezz tal-apposta azzjoni skond u a basi ta' il-precitati artikoli. Ghalhekk l-ewwel eċċezzjoni sottomessa mill-konvenut ma hiex accettabbli u ma tistax tigi akkolta."*

Illi issa, huwa minnu li fuq il-fattura relattiva[25] hemm miktub hekk dwar meta kellha ssir il-kunsinna: *possible delivery April-May*. Huwa minnu wkoll, kif diġa indikat fil-*footnote* enumerat 22, li dan it-Tribunal huwa konxju bis-sentenza fl-ismijiet **<u>Nazzareno Fenech vs Sammy Ellul eżerċitanti l-kummerċ bħala Ellul Classic Design Woodworks Limited</u>,** (App Ċiv Nru: 12/19), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija nhar it-2 ta' Settembru 2020. Kif intqal hemmhekk peró, dik il-Qorti kellha quddiema l-fatti ta' dawk il-proċess biss, u jidher li dak li l-aktar ġie emfasizzat hemmhekk kienet propju l-kliem utilizzat fuq fattura simili. Il-każ odjern peró għex ħajja differenti, għaliex propju mix-xhieda li ġiet prodotta, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li l-kontendenti kienu ftehmu data li fiha l-bibien kellhom jaslu.

Illi dan qiegħed jingħad prinċipalment għaliex minn qari tax-xhieda, speċjalment dik ta' Rita Ellul in kontro-eżami, jirriżulta li kienet ngħatat data, tant li hija stess tirrimarka li huwa minnu li kienu tardivi[26]. Għal dan it-Tribunal, dak li ntqal ma jista' jiġi ekwiparat ma xejn ħlief m'ammissjoni tal-fatt li data kienet ġiet stabbilita, għaliex ħadt ma jgħid li kien tardiv f'obbligazzjoni jekk ma jkunx hemm data. Il-fatt li wieħed jgħid li kien tardiv, loġikament, bilfors juri li kien tardiv sabiex iwettaq xi ħaġa u ma jistax ikollok tardivitá f'obbligazzjoni mingħajr data. Jekk qatt ma kien stabbilit perjodu, allura wieħed ma jistax jgħid li kien tardiv.

---

[25] Din tinstab a fol 6 tal-proċess.

[26] Issir referenza partikolari għax-xhieda ta' Rita Ellul, mogħtija in kontro-eżami, nhar il-21 ta' Jannar 2021. Huma rilevanti s-segwenti brani: *Dr. Gabriel Farrugia: Issa minn -14 ta' Mejju għas-27 ta' Awwissu kemm il-ġimgħa laħqu għaddew jekk jogħġbok? Xhud: Nammetti li hemm naqra tul ta' żmien;* Ukoll ix-xhud reġa stqarret hekk: *it-Tribunal: Però hu mhux qed jistaqsik illi kellu jlesti l-bibien f'ġimgħatejn. Hu qed jistaqsik fl-14 ta' Mejju sar il-kejl; jidher li l-bibien kienu lesti fis-27 ta' Awwissu. Xhud: Iva. It-Tribunal: Inti stess qed tghid illi t-terminu ta' sitta jew tmien ġimgħat, għax issa enfasizzajt iktar it-tmien ġimgħat, kienu għaddew. Xhud: Iva għaddew.*

Illi mix-xhieda jirriżulta li huwa minnu li fil-ħin li ġie miftiehem l-oġġett u il-prezz, l-konvenuti rikonvenzjonanti ġew infurmati li kellhom iċemplu huma f'xi data sabiex isir appuntament biex jittieħdu il-miżuri. Hekk sar u allura dik il-kundizzjoni avverat ruħha. Wara dan l-appuntament, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li s-soċjetá attriċi rikonvenzjonata reġgħet tat terminu sabiex issa ssir il-kunsinna. Mill-fatti jirriżulta ċar lill-bibien kienu lesti għal-kunsinna ferm aktar tard mil-perjodu stabbilit u li għalhekk l-istess soċjetá attriċi kienet inadempjenti. Għal dan it-Tribunal allura, jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha fattwali sabiex dan il-bejgħ jiġi xolt.

Illi t-Tribunal irid ikun ċar ukoll li huwa m'huwiex qiegħed jiddeċiedi hekk minħabba l-fatt lill-konvenut rikonvenzjonanti eventwalment biegħu l-fond tagħhom. Dak l-aspett m'huwiex qiegħed jikkonfigura hawnhekk bħala raġuni. Dak li qiegħed jiġi deċiż huwa li kontendenti kienu ftehmu data, u din id-data ma ġietx rispettata mis-soċjetá attriċi rikonvenzjonanti. Ir-raġuni tar-rifjut tal-oġġett huwa element soġġettiv iżda għal dan it-Tribunal m'huwiex neċessarju li jiġi investigat.

Illi magħdud ma dak li ntqal hawnhekk, jingħad ukoll lis-soċjetá attriċi rikonvenzjonanti, għalkemm tammetti li kien hemm dewmien, imkien ma tipprova xi skużanti għal tali nuqqas. Huwa indiskuss li l-oneru li tipprova dan kien jinkombi fuqha[27]. Wara kollox hija l-liġi stess li tippermetti li dan isir.

---

[27] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ciantar vs David Coleiro**, (Ċit Nru: 974/00) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Marzu 2001 fejn sabet hekk: *"Illi l-Qorti ssib li, mehuda b'qies id-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq imsemmija mqabblin mal-fatti tal-kaz, il-konvenut naqas li jwettaq il-kunsinna kif kien obbligat mil-ligi li jaghmel,* ***u dan jaghti raguni xierqa ghat-talba tal-attur li jholl il-bejgh****;"* ***(enfasi tat-Tribunal).*** Fuq l-istess tematika, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Michael Angelo Fenech bhala mandatarju ta' Alfred Fenech u b'nota tat-2 ta' Novembru 1989 Alfred Fenech assuma l-atti f'ismu proprju vs Joseph Carbonaro bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Abita Mobili Limited,** (Ċit Nru: 464/83) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Frar 2001 fejn ukoll ingħad hekk: "*L-artikolu 1385 tal-Kodici Civili jipprovdi: "Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif*

Illi finalment ukoll, mill-atti ma jidhirx li s-soċjetá attriċi rikonvenzjonanti segwiet dak li jrid l-artikolu 948 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, marbut ma dak li jgħid l-artikolu 943 tal-istess Kapitolu. B'din il-kawża qiegħda tippretendi ħlas tal-bilanċ filwaqt li żammet l-istess bibien fil-pussess tagħha.

Illi t-Tribunal iqis li huwa kostrett, mir-riljev tal-fatti kif jemerġi minn dan il-proċess, li jilqa' t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti. Ġie pruvat, għalkemm id-data eżatta ta meta sar il-ħlas huwa inċert, li effetivament d-depożitu ta' disa mitt' Ewro ġie effetwat.

Illi l-konsegwenza naturali ta' dak li qiegħed jiġi deċiż hija propju r-rifużjoni tal-ammont imħallas bħala depożitu, propju għaliex ir-riżoluzzjoni hekk jikkomprendi[28]. Dan huwa konformi wkoll ma dak li jrid l-artikolu 1404 tal-

---

*jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh stess." Huwa evidenti f'dan il-kaz li mhux biss il-bejjiegh ma ghamilx konsenja fiz-zmien miftiehem, izda sahansitra injora l-komunikazzjonijiet taxxerrej. Il-fatt li bl-ittra tat-23 ta' Dicembru 1982 il-konvenut nomine nghata hamest ijiem zmien biex jeffettwa l-konsenja ma tistax tippregudika l-pozizzjoni ta' l-attur anzi tkompli turi l-inadempjenza tal-konvenut nomine. Inoltre jista' jinghad li sahansitra sad-data tac-citazzjoni kienet ghadha ma saritx konsenja legali. Ghalhekk jezistu l-elementi rikjesti mill-imsemmi artikolu biex l-ewwel talba tigi milqugha. Il-konvenut nomine mhux talli ma ta l-ebda raguni valida ghad-dewmien izda ma ta l-ebda raguni ta' xejn."*

[28] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Meilaq vs Antoine Vassallo**, (App Ċiv Nru: 238/2006/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Jannar 2010 fejn intqal hekk: *"In tema, jinghad fis-sentenza fuq citata in re: "Caruana Curran nomine -vs- Mamo nomine" (21 ta' Lulju, 1953) illi fil-kaz ta' rizoluzzjoni ta' ftehim id-danni jikkomprendu wkoll il-prezz tal-haga li x-xerrej jkun gja hallas jew ir-restituzzjoni ta' dak li l-bejjiegh ikun irceva minghand ilkompratur fl-okkazjoni tal-ftehim negozjali. Dan huwa hekk in kwantu l-obbligu tal-venditur, fil-fehma ta' din ilQorti, m'ghandux karattru rizarcitorju izda hu, pjuttost, in konsegwenza ta' l-inadempiment tal-bejjiegh, ossija, tan-nuqqas ta' konsenja tal-haga ghal liema gie ezegwit il-hlas tal-prezz. Prezz dan li fil-kaz in ezami kien wiehed parzjali fis-sens ta' ghoti ta' somma kontanti u tal-valur tal-vettura ta' l-attur li, skond il-ftehim, ghaddiet fil-pussess, sew materjali, sew guridiku, tal-konvenut-venditur. Dan b'mod li l-konvenut kien fil-poter li seta' jiddisponi minnha ghaliex wiehed ghandu jipprezumi illi din is-setgha fih ma setghetx ma tkunx akkompanjata minn dik ta' l-animus rem sibi habendi";*

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[29]. Għalhekk ukoll, t-talba prinċipali ma tistax tintlaqa'.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetá rikonvenzjonata u l-eċċezzjonijiet ta' l-istess soċjetá għat-talba rikonvenzjonali, jilqa' t-talba rikonvenzjonali u l-eċċezzjonijiet għat-talba prinċipali tal-konvenut rikonvenzjonanti u b'hekk jordna lis-soċjetá rikonvenzjonata sabiex tirrifondi lura lill-konvenut rikonvenzjonanti, s-somma ta' disa' mitt Ewro (€900) bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru 2019[30] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá rikonvenzjonata.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[29] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Fil-każijiet kollha li x-xerrej għandu jedd li jerġa luramill-kuntratt, il-bejjiegħ għandu jroddlu, mal-prezz li jkun irċieva,l-ispejjeż tal-kuntratt u kull spiża leġittima oħra li jkollha x'taqsam mal-bejgħ.*
[30] Data tal-preżentata tal-kontro-talba.